**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 441 tas-16 ta' Marzu 2021 dwar mistoqsijiet lil xhieda quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Fis-Seduta 440 tal-15 ta' Marzu 2021, l-Onor. Glenn Bedingfield, fil-ħin tal-Mozzjonijiet, talab lis-Sedja:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Nixtieq nitlob direzzjoni proċedurali min-naħa tiegħek, Sur President. Kif taf, bħalissa l-Public Accounts Committee qiegħed jiddiskuti rapport tal-Awditur dwar il-kuntratt tal-Electrogas u wħud mill-Membri fuq il-Kumitat jagħmlu mistoqsijiet illi m'għandhomx x'jaqsmu mar-rapport. Din in-naħa tal-Kamra m'għandha oġġezzjoni għall-ebda mistoqsija li ssir dwar ir-rapport illi l-Kumitat għandu quddiemu. Nirreferik ukoll għal *ruling* illi kont tlabt jien is-sena l-oħra meta konna qegħdin niddiskutu r-rapport finanzjarju tal-Malta Tourism Authority tal-2018, u f'dak ir-*ruling* inti kont iddeċidejt illi l-mistoqsijiet għandhom isiru fuq ir-rapport li jkollna quddiemna."

Hawnhekk is-Sedja staqsietu x'inhi t-talba tiegħu u l-Onor. Glenn Bedingfield wieġeb:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Jien it-talba tiegħi hi jekk mistoqsijiet li m'għandhomx x'jaqsmu mar-rapport illi jkollna quddiemna għandhomx ikunu ammissibbli jew le."

Minnufih wara li għamel it-talba tiegħu l-Onor. Glenn Bedingfield, is-Sedja semgħet lill-Onor. Karol Aquilina, li rrisponda hekk:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, nassigurak illi fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi l-mistoqsijiet li qed isiru huma kollha relevanti kemm għax-xhud li jkollna quddiemna kif ukoll għar-rapport illi għamel l-Awditur Ġenerali. Naturalment jien nifhem li jkun hemm Membri tal-Kumitat li ma jogħġbuhomx ċerti domandi, jew inkella jippretendu li x-xhud ma jweġibx, jew li jipproteġu lix-xhud milli jwieġeb, u allura aħna qed ninsistu li għandna nibqgħu mexjin, anke għaliex jien ma fhimtx li qiegħed jintalab xi forma ta' *ruling* hawnhekk dwar il-mistoqsijiet li qed isiru u allura ma narax li għandu jkun hemm xi jżomm milli l-Kumitat ikompli għaddej."

Hawnhekk is-Sedja reġgħet semgħet lill-Onor. Glenn Bedingfield, li qal:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Jien ma użajtx il-kelma "*ruling*", għedt "direzzjoni proċedurali", però qed nitlob *ruling* fuq il-*line of questioning*, illi fl-opinjoni tagħna mhijiex ammissibbli għaliex m'għandha x'taqsam xejn ma' dan ix-xhud, u għalhekk jien nixtieq li tkun stabbilita proċedura. Għaliex li jkollok xhud quddiemek illi suppost ikun qiegħed jixhed dwar rapport illi l-Kumitat ikollu għall-eżami quddiemu u …"

Is-Sedja staqsiet lill-Onor. Bedingfield sabiex jikkonferma d-domanda tiegħu, u l-Onor. Glenn Bedingfield wieġeb hekk:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Id-domanda tiegħi hija jekk mistoqsijiet illi m'għandhomx x'jaqsmu mar-rapport, għandhomx ikunu ammissibbli jew le, kif diġà kellna fir-*ruling* preċedenti."

Is-Sedja staqsiet dwar dak li effettivement ġara fl-aħħar tas-seduta tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, li saret l-Erbgħa tal-ġimgħa l-oħra, u staqsiet jekk kienx hemm xi oġġezzjonijiet, u l-Onor. Bedingfield qal li huwa kien oġġezzjona, u qal:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Oġġezzjonajt però ċ-Chairman injora din l-oġġezzjoni. Jien naf li ċ-Chairman għandu diskrezzjoni, imma injora din l-oġġezzjoni u baqa' għaddej bil-*line of questioning*. Bla dubju li inti għandek għad-dispożizzjoni tiegħek il-mezzi kollha …"

Hawnhekk reġa' rrisponda l-Onor. Karol Aquilina, u qal:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, l-ewwel nett l-Onor. Bedingfield irid jgħid taħt liema *Standing Order* qiegħed jitlob dan ir-*ruling* għaliex milli qed nara jien, m'hemm l-ebda bażi fl-Ordnijiet Permanenti biex jitlob dan it-tip ta' *ruling*. It-tieni, huwa ċar illi fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi l-Membri tal-Gvern qegħdin iwaqqfu u joġġezzjonaw milli xhud iwieġeb meta x-xhud stess ikun irid iwieġeb! U kien hemm ħafna ċirkostanzi fejn ix-xhud wieġeb, għax hekk ried, u n-naħa tal-Gvern ipprovaw iwaqqfu. Allura m'hemm l-ebda bażi li jintalab dan ir-*ruling* u allura nitolbok li ma tagħti l-ebda *ruling* dwar hekk."

Hawnhekk l-Onor. Bedingfield irrisponda hekk:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Kull Deputat ta' din il-Kamra jista' jitlob *ruling* u m'għandu jkun hemm l-ebda Deputat ieħor illi jimponi fuq il-President ta' din il-Kamra illi ma jagħtix *ruling* mitlub minn Deputat ieħor."

Fil-konsiderazzjoni tagħha dwar dan il-każ is-Sedja rat dak li ġara fil-Laqgħa 78 tas-17 ta' Frar 2021 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, li kien qiegħed ikompli bl-eżami tar-rapport tal-Awditur Ġenerali *An Investigation of Matters Relating to the Contracts awarded to Electrogas Malta Ltd by Enemalta Corporation*. Fil-bidu ta' din il-laqgħa, eżatt wara li ċ-Chairperson, l-Onor. Beppe Fenech Adami, talab jekk il-Minuti jistgħux jiġu kkonfermati, jew jekk kienx hemmx xi punti li kien qed jimmaġina li jixtieq jissolleva "l-abbli kollega l-Onor. Bedingfield" f'dak l-istadju. L-istess Onor. Glenn Bedingfield wieġeb hekk:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Sur President, aħna nistgħu nikkonfermawhom il-Minuti però nixtiequ nirrelevaw li m'aħniex naqblu mal-mod kif qed ikun trattat s'issa x-xhud. Naħseb li kull xhud - m'iniex ngħid għal dan ix-xhud biss - għandu jkun trattat b'rispett. Aħna naqblu li għandhom isiru l-mistoqsijiet kollha li jridu jsiru min-naħa tal-Oppożizzjoni u min-naħa tal-Gvern, u allura minn dan il-Kumitat, iżda nixtieq nuri d-diżapprovazzjoni tiegħi għall-mod intimidatorju kif s'issa dan ix-xhud kien trattat minn xi Membri ta' dan il-Kumitat. Dak huwa li xtaqt li jkun rilevat fil-Minuti u għalhekk qed inqajjem dan il-punt għax is-suġġett nafu li huwa kontroversjali, nafu li ċ-Chairperson diġà esprima ġudizzju fuq dan il-kuntratt f'istadju daqshekk bikri tal-investigazzjoni ta' dan il-Kumitat u abbażi ta' dak il-preġudizzju naħseb li kull xhud li se jitla' quddiemna minn issa 'l quddiem għandu jkun trattat b'rispett. Ċertu aġir min-naħa tal-Membri tal-Oppożizzjoni fuq dan il-Kumitat għandu jkun ikkontrollat u m'għandux ikun intimidatorju fil-konfront tax-xhieda."

-istess laqgħa l-Onor. Karol Aquilina qal hekk:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, dwar dak li rrileva l-Onor. Bedingfield, nixtieq nirreleva li x-xhud li kellu quddiemu l-Kumitat, minkejja li kien taħt ġurament, ma bediex jgħid il-verità u kien biss wara l-insistenza tiegħi u tal-kollegi tiegħi għal numru ta' mistoqsijiet li x-xhud donnu beda jiftakar x'inhi l-verità, imbagħad beda jgħid biċċa biċċa affarijiet li sa ftit qabel kien qed jgħid li ma jafx jew ma jiftakarx dwarhom. Għalhekk, bħalma jiġri f'kull *hearing* meta tagħmel il-mistoqsijiet, tagħmilhom b'ċerta insistenza inkluż li tirrepeti u tagħmilhom biex proprju x-xhud jgħid dak li jaf u dak li jkun ġara eżatt waqt dik is-seduta. Allura ma kien hemm l-ebda forma ta' intimidazzjoni. Ix-xhud lanqas biss gerger dwar hekk, baqa' kalm jirrispondi u jgħid li ma jiftakarx u allura jien sorpriż kif jiġi l-Onor. Bedingfield illum u jgħidilna li kien hawn xi forma ta' attakk fuq ix-xhud jew intimidazzjoni fil-konfront tax-xhud. Ix-xhud irrisponda meta deherlu li għandu jirrispondi, aħna għamilna r-rwol tagħna li nagħfsuh għar-risposti u allura ma kien hemm xejn ħażin f'dak li sar."

Hawnhekk iċ-Chairperson irrimarka li:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Naturalment jien nappella lill-Membri kollha tal-Kumitat biex ikunu prudenti. Aħna qegħdin hawnhek biex noħorġu aktar informazzjoni dwar dak li għandna quddiemna."

Is-Sedja tibda billi tinnota illi r-*ruling* li ntalab mill-Onor. Glenn Bedingfield huwa fuq il-*line of questioning* u dwar il-proċedura kif għandha tintuża fil-*line of questioning* tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Is-Sedja tagħmel mill-ewwel referenza għal meta l-istess Onor. Glenn Bedingfield kien talab *ruling*, u li s-Sedja stess tat bħal din iż-żmien sena, preċiżament fis-Seduta 299 tas-17 ta' Frar 2020 fejn il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi kien qed jiddiskuti "*L-eżami tal-kontijiet u tal-estimi finanzjarji tal-Awtorità għat-Turiżmu għas-snin 2018 u 2019*". Dakinhar inqalgħet kwestjoni dwar il-fatt li kienu qed isiru mistoqsijiet dwar id-dħul u nfiq tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għas-sena 2019, li kien proprju l-perjodu li fih sar il-kuntratt partikolari li fuqu kienu qed isiru xi domandi, meta l-kontijiet għal dik is-sena kienu għadhom ma ġewx ippreżentati quddiem il-Kumitat u lanqas ma kienu għadhom tqiegħdu fil-Kamra.

F'dak ir-*ruling* is-Sedja kienet qalet u ddeċidiet li fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi għandu dejjem, u nikkwota:

> "… sakemm ma jkollux memorandum quddiemu mill-Awditur Ġenerali, jistgħu jsiru domandi dwar il-kontijiet tal-Awtorità li jirrigwardaw id-dħul u l-infiq għas-sena 2018. Meta jitqiegħdu l-kontijiet tal-istess Awtorità għas-sena 2019 – li allura jinkludu l-perjodu meta sar il-kuntratt inkwistjoni – il-Kumitat, dejjem skont dak li jgħid l-Ordni Permanenti 120E(1)(ċ), ikollu s-setgħa li jagħmel id-domandi li fir-rigward tagħhom intalab dan ir-*ruling*."

Is-Sedja kienet qalet ukoll:

> "Filwaqt li s-Sedja tappella għall-bon sens tal-Membri sabiex fil-Kumitati tal-Kamra dejjem ikun hemm ambjent oġġettiv biex ix-xogħol isir dejjem fl-interess pubbliku, u filwaqt li tagħraf l-importanza tar-rwol li jaqdi l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi

f'dak li huwa skrutinju tal-kontijiet pubbliċi, tagħraf ukoll ukoll l-importanza li dan il-Kumitat dejjem jaġixxi skont is-setgħat li jtuh l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra."

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għall-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, in partikolari l-Ordni Permanenti 120E, li jirregola l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, li jgħid illi:

"**120E.** (1) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jkollu s-setgħa li:

(a) jifli ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-kontijiet pubbliċi li jiġu lilu riferiti mill-Kamra, minn Ministru jew mill-Awditur Ġenerali;
(b) jifli kull spiża bħalma hemm imsemmi fl-artikoli 103(3) u 104 tal-Kostituzzjoni;
(ċ) jeżamina l-kontijiet ta' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, li l-kontijiet tagħhom huma ppreżentati lill-Parlament;
(d) jitlob lill-Awditur Ġenerali li jippreżenta memoranda dwar kull ħaġa fejn issir talba biex isir dan minn mill-anqas tliet membri tal-kumitat permanenti;
(e) jikkonsidra memoranda ppreżentati mill-Awditur Ġenerali, li jkunu ġew ippreżentati wara li tkun saritlu talba bis-saħħa tas-subparagrafu (d) ta' dan il-paragrafu, jew fuq inizjattiva tiegħu stess;
(f) jeżamina rapporti u dokumenti li għandhom x'jaqsmu magħhom, li jsiru mill-Awditur Ġenerali;
(g) jirrapporta lill-Kamra dwar kull kont, rapport jew dokument imsemmija fis-subparagrafi ta' qabel dan il-paragrafu; u
(h) jirrapporta lill-Kamra dwar kull bidla li jqis li tkun desiderabbli, dwar l-għamla tal-kontijiet, dwar il-mod kif dawn jinżammu, dwar id-dħul jew il-ħruġ jew il-kontroll tal-flus."

Is-Sedja tinnota illi f'dan il-każ il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi għandu fil-fatt quddiemu għall-iskrutinju r-rapport ippreparat mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali, u li ġie mqiegħed ukoll fil-Kamra, kif joħroġ ċar mis-setgħat li għandu l-istess Kumitat taħt l-Ordni Permanenti 120E.

Minbarra r-*ruling* tal-2020 diġà ċitat, is-Sedja rat ukoll diversi *rulings* oħra preċedenti tagħha u ta' Speakers oħrajn, fosthom dak mogħti mill-Ispeaker Michael Frendo fis-Seduta 260 tal-11 ta' Ottubru 2010, fejn dwar it-tmexxija tas-seduta minn Chairman ta' Kumitat kien qal:

"Iċ-Chairman ta' Kumitat għandu l-fakultà li jmexxi s-seduta tal-Kumitat li huwa jippresiedi u s-Sedja b'mod ġenerali ma tindaħalx kif issir din it-tmexxija ħlief f'ċirkostanzi partikolari fejn ikun meħtieġ li tara li l-Ordnijiet Permanenti, ir-regoli u prassi ta' din il-Kamra tad-Deputati u tal-Kumitati tagħha huma segwiti. L-Ordnijiet Permanenti ma jittrattawx il-proċeduri li bihom jimxu l-Kumitati u għalhekk wieħed irid jara l-prassi li ġiet stabbilita maż-żmien fid-dawl tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra kollha li *mutatis mutandis* u b'mod ġeneriku, għandhom ikunu riflessi fil-qafas tat-tmexxija tal-Kumitati."

Fl-istess *ruling* is-Sedja kienet ikkwotat ukoll mill-paġni 795 u 769 tal-*Erskine May (23rd Edition),* fejn jingħad illi:

"*Order in debate in a committee is enforced by the chairman, as he is responsible for the conduct of its business, and no appeal from his decision should be made to the Speaker*."

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għar-*ruling* li tat hija istess fis-Seduta 26 tal-4 ta' Ġunju 2013, fejn kienet qalet illi:

> "Hija prerogattiva tal-istess Chairman li jkun responsabbli mill-mod kif imexxi dan il-Kumitat u kif jgħid tajjeb l-istess *Erskine May* f'paġni 795 u 796 tat-23 edizzjoni tal-istess ħarġa tiegħu".

L-istess pożizzjoni ġiet ritenuta mis-Sedja fid-deċiżjoni mogħtija fis-Seduta 116 tal-4 ta' Frar 2014, fejn qalet li "wieħed irid jara wkoll il-prerogattiva li toħroġ mill-istess responsabbiltà taċ-Chairperson li hija diskussa wkoll fl-*Erskine May* (23ed)" fejn jingħad:

> *"Order in debate in a committee is enforced by the Chairman as he is responsible for the conduct of its business and no appeal from his decision should be made to the Speaker."*

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għall-"*Guide for Witnesses appearing before the Public Committee of the House of Representatives, Parliament of Malta*" ta' Ottubru tal-2011, fejn fil-paragrafu 22, dwar l-evidenza tax-xhieda, jingħad hekk:

> "*22. A question put to a witness may be objected to by a Member. In such a case, the witness and any strangers present at the proceedings are to withdraw until the matter is considered and a decision on how to proceed is arrived at.*"

Dan il-paragrafu 22 kien bbażat ukoll fuq dak li jgħid l-istess *Erskine May*, u ser nikkwota mill-24 edizzjoni, fejn f'paġna 823 jgħid illi:

> *"It is generally the case that membbers of select committees co-operate with the Chair and with each other in questioning witnesses in order more effectively to achieve the purposes for which the committee was appointed by the House. Thus a member of a committee seldom interrupts another member except to obtain elucidation of the question being asked or to contribute to the questioning. However, a question put to a witness may be objected to by a member.*
>
> *If a question should be objected to, or if any difference should arise in regard to the questioning of a witness, witnesses and any member of the public who are present are directed by the Chair to withdraw, and the committee proceeds to consider the matter. When the committee has come to a decision the witness is again called in, and the questioning proceeds."*

Dan ifisser li jekk ikun hemm oġġezzjoni minn xi Membru għal xi domanda li tkun qiegħda ssir lix-xhud minn xi Membru ieħor tal-Kumitat, iċ-Chairperson skont dawn il-*guidelines* għandu jissospendi s-smigħ tax-xhieda tax-xhud u jordna li x-xhud u persuni oħra li jistgħu jkunu preżenti għandhom jirtiraw mill-kamra sabiex il-materja tiġi diskussa bejn il-Membri, u l-Kumitat jiddeċiedi dwar kif se jkompli jipproċedi l-eżami tal-istess xhud. Minn dan joħroġ ċar illi huwa ċ-Chairperson li jrid jara u jimxi ma' din il-proċedura stabbilita skont il-*guidelines* u mhux is-Sedja kif qed jintalab f'dan ir-*ruling*.

Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi s-Sedja tħoss illi meta jkun hemm oġġezzjoni għal xi domanda li tkun qiegħda ssir lil xi xhud partikolari, f'dan il-każ għad-domandi li qed isiru fil-konfront tar-rapport tal-Awditur *An Investigation of Matters Relating to the Contracts awarded to*

*Electrogas Malta Ltd by Enemalta Corporation*, jew kull rapport ieħor li l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi li jkun qiegħed jikkonsidra ai termini tal-Ordni Permanenti li ġie kkwotat aktar qabel, huwa ċ-Chairman li għandu jasal għal dan b'bon sens wara li jkun mexa skont l-istess *guidelines* imsemmija.

Ir-*ruling* huwa deċiż.